MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2009

Avviz Numru. 75/2009

**San Anton School**

**Vs**

**Pierre Curmi u Micaela Bauert**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-iskola attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' hamest elef, hames mija u erbatax-ilEwro (€5,514.00), rappresentanti bilanc tal-mizati tal-iskola attrici, dovuti lilha ghas-servizzi ta' taghlim debitament ipprestati lilhom ghall-edukazzjoni ta' uliedhom u liema somma l-konvenuti baqghu ma hallsux minkejja diversi interpellanzi, u dan prevja kull dikjarazzjoni dwar ir-responsabbilta' solidali, o meno.

Bl-interessi legali u bl-ispejjez legali, komprizi dawk tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru prezentati

kontestwalment kontra l-initimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat fol 9, 10 u 11 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet l-istess skola sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fil-11 ta' Novembru 2009 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom sabiex ihallsu lill-istess skola s-somma ta' €5,514.00 bl-interessi legali mit-tlieta (3) ta' Marzu 2009 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-mandati kawtelotrj ta' qbid u ta' sekwestru tat-3 ta' Marzu 2009.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------